MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2230/2002

**International Automobiles Limited**

**Vs**

**Anthony Micallef f'isimhom proprju**
**u ghan-nom tas-socjeta Pulcinella Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u sitta u disghajn lira Maltija u tmien centezmi (Lm496.08) hlas ta' kambjali li mmaturaw fil-15 ta' Mejju, Gunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2002 u li baqghu ma thallsux.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deheru ghas-seduti.

Ra n-nota li giet prezentata mis-socjeta attrici u li permezz taghha rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' Lm118.08.

Semgha lill-avukat Dr. Louis Bianchi in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont kif ridott ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' mija u tmintax-il lira Maltija u tmien centezmi (Lm118.08), bl-imghax fuq kull kambjala mid-data li mmaturat.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**